MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 399/2002/1

**Jane Barbara**

**vs**

**Paul Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Settembru 1974 gewwa l-parocca ta' Lourdes, Rahal Gdid;

Illi mill-imsemmi zwieg huma kellhom tlett (3) it-tfal, Joseph Mario, illum mejjet, Fabian u Charlene li ghandha 15-il sena.

Illi dawn iz-zwieg huwa null billi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi dan iz-zwieg huwa ukoll null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza;

Illi dan iz-zwieg l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk dan iz-zwieg bejn l-imsemmija partijiet huwa null u bla effett ai termini ta' Artiklu 19 (1) (c), (d) u (f) ta' l-Att taz-Zwieg ta' 1975 b'tortijiet tal-konvenut.

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Settembru 1974 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975 u jekk ikun il-kaz, taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta’ Settembru 2002 fejn talbet li l-konvenut jigi notifikat wara l-hinijiet legali u d-digriet tal-Qorti tat-18 ta’ Settembru 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-attrici tal-15 t’Ottubru 2002 fejn permezz taghha esebiet tlett affidavits (fol 14 sa 25 tal-process).

Rat il-verbali tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn deher il-konvenut li ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u Dr Vincent Galea ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn il-konvenut msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat li ghalkemm il-konvenut ta' ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2002 (fol 26) baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

### <u>(A) PROVI PRODOTTI</u>

Illi fl-affidavit taghha **l-attrici Jane Barbara** sostniet is-segwenti:

*"Illi jiena kont izzewigt lill-konvenut Paul Borg fit-30 ta' Settembru, 1974 gewwa l-parocca ta' Lourdes, Rahal Gdid. Minn dan iz-zwieg kellna tlett itfal, Joseph Mario Borg, illum mejjet, Fabian u Charlene. Din ta' l-ahhar ta' hmistax-il sena.*

*Jiena u zewgi sseparajna madwar tmien (8) snin ilu.*

*Jiena u Paul Borg iltqajna l-ewwel darba gewwa l-Belt fil-Brittania Bar waqt li konna qeghdin niehu drink. Jiena dak iz-zmien kelli 18 u Paul Borg kellu 26.*

*Wara ftit tal-granet li ltqajna Paul beda jidhol id-dar u dan peress illi l-papa tieghi kien strett hafna.*

*Wara xi sentejn li konna ilna nohorgu flimkien, ahna izzewigna.*

*Waqt dan il-perjodu ta' sentejn, missieri kien jghidli li jekk jitlaq Paul, ma kienx jidhol guvni iehor peress illi kienu jghidu bina n-nies.*

*Jiena u l-konvenut wara xi sena li konna ilna nohorgu flimkien tgharasna u konna ghamilna party u konna stedinna anke l-familji. Nghid illi waqt din il-festa, hu kien juri li kien jhobbni pero` wara, meta konna nkunu wehedna kien johrog il-karattru veru tieghu jigifieri kien jghajjat, jkellimni hazin, u sahansitra f'xi zewg okkazzjonijiet kien anke refgha idejh fuqi. Meta jiena kont inkun qed nibki, hu kien jghidlu "ghadekk ma tafx kemm ghad trid tibki".*

*Waqt l-gherusija l-konvenut kien isiefer ta' spiss peress illi xogholu kien ta' heavy plant operator. Meta nghid illi kien isiefer ta' spiss infisser illi huwa kien issiefer ghal erba' xhur f'daqqa, kien jigi ghal kwazi gimgha u imbaghad jerga' jsiefer ghal erba' xhur ohra, kien jerga' jigi ghal kwazi gimgha ohra ecc, ecc. Huwa kien jahdem il-Libya. Meta izzewigna nghid illi l-konvenut kien aktar jghix barra minn Malta mill-Malta u fil-fatt nista' nghid illi minn kull sena li ghamilna mizzewgin, huwa kien ikun hawn Malta ghal madwar tlett gimghat biss. Jiena kull meta kien jirritorna lura Malta kont nghidlu sabiex ma jkompliex jsiefer ghax-xoghol barra minn Malta, biex b'hekk kemm jiena u kemm uliedna inkunu nistghu ngawduh. Di fatti niftakar okkazzjoni fejn meta it-tifel, Joseph Mario kien ser jaghmel il-pracett, il-konvenut esklama u qal "kos jien lanqas nafhom it-tfal".*

*Nghid illi waqt l-gherusija taghna kien hemm okkazzjonijiet fejn kien ikollna xi nghidu u l-konvenut, b'konsegwenza ta' dan kien jaghmel xi zmien ma jkellimniex. Pero` kienu jghaddu jumejn, l-aktar l-aktar gimgha u jigi lura. Gieli kien hemm okkazzjonijiet, meta l-konvenut kien ikun hawn Malta, fejn ma konniex niltaqghu ghal diversi granet u dan peress illi l-konvenut kien jghid illi ahna konna noqghodu l-boghod minn xulxin u anke peress illi kien ikollu x-xoghol. Jiena kont noqghod Rahal Gdid u l-konvenut kien joqghod r-Rabat.*

*Il-konvenut kien ta' spiss jghidli, wara li zzewigna, illi huwa kien izzewigni peress illi kienet mietet ommu u li kieku kienet ghadha hajja ma kienx jizzewweg.*

*Nghid illi l-konvenut ma kienx jaf x'inhi responsabbilta`, specjalment fil-konfront tal-familja li kellna jiena u hu flimkien. Dejjem kien jahrab mid-doveri tieghu u nghid illi jiena t-tfal rabbejthom wahdi bl-ghajnuna ta' Alla. Jiena wara li zzewwigt bdejt nibla l-kalmanti peress illi kont depressed il-ghaliex hu kien il-hin kollu msiefer u jiena ma stajtx nidra l-hajja li prova jimponi fuqi u cioe` li jiena nghix hawn Malta ma wliedna u hu jahdem barra minn Malta. Jiena kont anke ipprovajt niehu pariri medici sabiex nipprova nohrog mid-depression li kien gabni fija l-konvenut, pero` t-Tabib kien dejjem jghidli illi hu ma seta' jaghtini xejn biex ifejjaqni hlief kalmanti. Il-kura kellu jaghtijieli l-konvenut billi kien jieqaf mix-xoghol li kien qed jaghmel barra minn Malta u jigi jghix hawnhekk bhal ragel tal-familja normali. Sahansitra it-tabib stess kien qal lil ommi sabiex hija tiehu hsiebi ghaliex kont ser nispicca hazin. Tant kien jaf x'inhu jghid it-Tabib illi jiena darba minnhom kont blajt skoss pirmli u kwantita ta' xorb alkaholiku sabiex noqtol ruhhi b'idejha ghaliex jiena ma flahtx nghix iktar f'din is-sitwazzjoni. Pero` Alla habni u ma grali xejn. Dak iz-zmien ahna kellna diga zewgt it-tfal Joseph Mario u Fabian.*

*Fil-bidu taz-zwieg taghna, waqt li kont tqila b'Joseph Mario, indunajt bil-kwistjoni ta' ohti Rita. Nghid illi Rita meta jiena izzewigt kellha disa' jew ghaxar snin. Nixtieq nghid illi jiena kont qbadt lill-konvenut, f'aktar minn okkazzjoni wahda jmiss lil ohti Rita meta dawn kienu fid-dar ta' ommi. Niftakar f'okkazzjoni minnhom meta il-konvenut u ohti kienu fil-kcina t'ommi illi meta jiena kont dhalt fl-istess kcina, rajt lil ohti tmiss il-parti genitali ta' Paul. Jiena dak il-hin tant kont ixxokjajt ruhhi illi ma tkellimtx. Pero` ftit tal-hin wara, jiena kont staqsejt lil Paul il-ghala kien qed jaghmel hekk, u r-risposta tieghu kienet illi jiena kont qeghda niggennen u ma kont qed nara xejn. Jiena ma kontx nitkellem ghax kont nibza' illi johorgu lili ta' mignuna u jemmnu lilu u mhux lili. Niftakar ukoll*

*f'okkazzjoni ohra, fejn waqt li jiena kont ghadni tqila, u kont rieqda fis-sodda, sibt lil ohti Rita taht il-lizar, b'idejha fuq il-parti genitali tal-konvenut. Jiena qomt u ghidtlu x'qed jaghmel u Paul reggha qalli li kont qed niggennen u ma kien qed isir xejn. Jiena qomt u ghidtlu x'qed jaghmel u l-konvenut reggha qalli li kont qed niggennen u ma kien qed issir xejn.*

*Kif diga ghidt ohti, dak iz-zmien kellha madwar disa' jew ghaxar snin. Fil-fatt nghid illi ohti Rita ghadha taht l-effett ta' l-abbuzi li saru mill-konvenut fil-konfront taghha.*

*Niftakar wkoll okkazzjoni ohra fejn lil Paul rajtu flimkien ma ohti Rita fil-kamra tal-banju. F'din l-okkazzjoni ukoll ohti kienet qed tmiss il-parti genitali tal-konvenut.*

*Ghaddew hafna snin qabel ma jiena ghelibt il-biza' tieghi u ghidt lil xi hadd b'dak illi kien gara. Fil-fatt ghidt b'dawn l-affarijiet lil Mummy madwar tmienja jew disa' snin ilu, hekk kif hadna s-separazzjoni.*

*Ommi kienet staqsiet lil ohti biex tikkonferma dan, u sahansitra ohti kienet qalet lil ommi illi ma kienitx taf li jiena kont naf.*

*Anke wara li sseparajna, illum il-gurnata, ghadhom jigu nies fuqi u jghiduli illi l-konvenut kien jittanthom. F'wahda minn dawn l-okkazzjonijiet kien hemm certa Mary, li hija prostituta, li qalti illi waqt li jiena kont immur ghal laqghat tal-Jehovah's witness il-konvenut kien jmur ghandha ghal skopijiet ta' sess. Kull meta kont nirritorna minn dawn il-laqghat dejjem kont nsibu fil-kamra tas-sodda jara t-television u kif appena jiena kont nidhol fil-kamra tas-sodda huwa kien jitlaq jigri l-barra. Di fatti t-tifla Charlene kienet irrimarkatlu illi "meta nidhlu ahna fil-kamra, inti titlaq tigri l-barra".*

*Anke fil-konfront ta' mara ohra, tal-familja, li jisimha Carmen, il-konvenut kien ta' spiss jittantaha u jaghmel avvanzi fil-konfront taghha. Hija kienet tghidli, dejjem wara li sseparajna, illi l-konvenut kien ta' spiss jittantaha. Hija*

*kienet u ghadha tghix fl-istess blokka ta' appartamenti ta' fejn konna noqghodu ahna.*

*Anke dwar it-trobbija tat-tfal nghid illi Paul ma kienx jghati kaz u jigbed l-istess habel li kont nigbed jien. Naf illi meta darba minnhom iz-zewg subien kellhom il-vizzju tad-droga hu kien jaghithom il-flus sabiex jmorru jixtruha. Minflok kien jipprova jaghmel minn kollox biex iqabbadhom fit-triq it-tajba, huwa kien jehles minnhom billi kien itihom il-flus sabiex jmorru jissodisfaw il-vizzju taghhom.*

*F'okkazzjoni minnhom, Fabian kien qalli li ried jaghmel tattoo u jiena fil-presenza ta' missieru kont issupplikajtu sabiex ma jaghmiliex ghax kienet twaqqa d-dekor tieghu. Wara din id-diskursata, konna morna norqdu. L-ghada Fabian u missieru Paul kienu hargu flimkien mid-dar. It-tifel il-kbir, Joseph Mario qalli li missieru kien mar iwassal lil Fabian jaghmel tattoo. Wara li gew lura, u Fabian kien ghamilha jiena ghidt lil Paul, "Kuntent issa li waqqajtli kelmti". Ir-risposta tieghu kienet illi hu fuq persuntu ma kellu xejn u li ma kienx jimpurtah minn dak li gara.*

*Wara li jiena u l-konvenut konna sseparajna, kuginti Marija Buhagiar qaltli illi f'dak il-perjodu ta' zmien li hija, flimkien ma familtha, ghamlet tghix fil-post fejn konna noqghodu ahna, il-konvenut kien, meta ovvjament ma kontx inkun hemm jiena, jidhol hdejha bil-qalziet ta' taht u joqghod jittantaha. Hija ma kienitx tatih wicc u hu kien jghidilha "toqghod tilghaba tad-dejqa". Dan kollu biex nuri illi l-konvenut qatt ma ried jizzewweg. L-istess kugina kienet qaltli ukoll illi f'dan l-istess zmien, meta hija kienet tghix maghna, kien hemm okkazzjoni meta l-konvenut kien irritorna lura d-dar fil-ghaxija u ma kienx sab la lili u lanqas lil uliedna id-dar. Huwa staqsa lil kuginti fejn konna u hi qaltlu li konna Ghawdex izda pero` kellna nirritornaw lura d-dar f'xi hin dak in-nhar stess. L-ewwel kliem tal--konvenut ghal dan id-diskors kien "ma nismax b'ahbarhom li jgherrqu sakemm jaslu". Kuginti baqghet ixxukjata, bhal ma kien jibqa' kull persuna normali li kien jisma' dan id-diskors.*

*Wasalt punt f'hajti fejn jiena ma flahtx izjed ghal din is-sitwazzjoni. Uliedi s-subien kienu jgibu lill-shabhom jitaqqbu fid-dar fejn konna noqghodu bil-barka ta' missierhom. Bdejt nibza' ghal inkolumita tieghi u ta' binti Charlene li kellha madwar hames snin u nofs/sitt snin dak iz-zmien. Ftit ta' zmien wara sseparajna.*

*Nghid illi t-tifel tieghi Joseph Mario li kien baqa' jghix ma missieru flimkien ma huh l-iehor Fabian, madwar tlett snin ilu u cioe` fl-1 ta' Mejju, 1999 kien ha ruhu b'idejh. It-tifel l-iehor Fabian kien izzewweg u ghandu zewgt ibniet Pamela u Nadine. Illum il-gurnata anke dan Fabian jinsab issepparat.*

*Jiena dawn l-ahhar tmien snin, apparti l-incidenti li ghadni kif semmejt ta' uliedi nista' nghid illi bdejt nghix hajti mill-gdid. Ghamilt kors ta' nurse, u fil-fatt illum il-gurnata nahdem gewwa l-Isptar San Luqa bhala Nurse u nghid illi ghal dawn l-ahar sentejn jiena qed nghix ma ragel iehor u cioe` Tony Micallef. Nista' nghid illi l-hajja kif qed nghixha illum, hija totalment l'opposta ghal dak li kont fiha meta kont nghix mal-konvenut.*

*Illum il-gurnata, binti Charlene qeghda tghix ma' missierha il-konvenut."*

Illi gew prezentati wkoll zewg xhieda ohra mill-attrici li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma: Josephine Barbara u Rita Fenech (fol 20 sa 25)

## (B) <u>IL-KAWZA ODJERNA</u>

Illi l-attrici qed issostni li z-zwieg taghha huwa null peress li (a) il-kunsens taghha nkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga; (b) il-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-

zwieg; (c) kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga *da parti* tal-konvenut.

Illi qabel xejn pero’ huwa doveruz illi wiehed jirrimarka fuq il-fatt illi f’din il-kawza effettivament ma gietx registrata opposizzjoni *da parti* tal-konvenut ghat-talba attrici biex iz-zwieg in kwistjoni jigi dikjarat null u bla effett. Fil-fatt il-konvenut ta’ ruhu b’notifikat waqt is-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fis-16 t’Ottubru 2002, pero` huwa baqa’ ma ressaq l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet (ghalkemm il-kontumacja fiha nnifisha hija forma ta’ kontestazzjoni). Madanakollu, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani, f’dawn it-tip ta’ kawzi u cjoe’ kawzi ta’ annullament, anke meta ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-parti l-ohra w addirittura f’kazijiet fejn il-parti konvenuta tirregistra ammissjoni ghat-talba attrici, xorta wahda jehtieg illi jigi stabbilit illi hemm bazi reali u legali ghall-pronunzjament tal-annullament taz-zwieg. *Di fatti* fil-kawza fl-ismijiet **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) deciza fit-30 t’April 2002), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat il-premess:-

*“Illi qabel xejn ghandu jigi osservat li f’din il-kawza l-konvenuta tidher li qed tammetti ghat-talbiet attrici, izda kif gie ritenut fis-sentenza* ***“Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia”*** *(A.C. 15 ta’ Jannar 2002 – Cit. Nru. 165/95VDG) anke fil-kaz ta’ “ammissjoni ta’ xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma’, u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara wkoll* ***“Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri”*** *(PA – 4 ta’ Novembru 1994);* ***“Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri”*** *(PA – 3 t’Ottubru 1995);* ***“Evelyn Agius vs John Borg”*** *(PA – 4 t’Ottubru 1995);* ***“Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”*** *(PA – 10 ta’ Novembru 1995);* ***“Isabelle Zarb vs Stephen Attard”*** *(PA – 21 ta’ Novembru 1995);* ***“Terrence Richard vs Maria concetta Richard nee’ Goodlip”*** *(PA – 22 ta’ Frar 1996);* ***“Alfred Tonna vs Maria Tonna”*** *(PA – 31 ta’ Jannar 1996);* ***“Bernardette***

***Debono xebba Gauci vs Mario Debono"*** *(PA – 16 ta' Settembru 1996)".*

## (c) LIGI U GURISPRUDENZA

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-talba attrici biex din l-Qorti tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Settembru 1974 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan a tenur tal-provvedimenti tas-**subincizi (c), (d) u (f) tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-attrici l-ewwel tissottometti illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19(1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich* **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **“Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee’ Ignacakova”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**“Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et”** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici ssostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

“(d) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This*

*community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru.

3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine”*** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b’mod konvincenti u fil-grad tal-provi rikjesta mill-ligi illi hemm bazi ta’ annullament ta’ dan iz-zwieg minhabba l-fatt li l-konvenut fil-mument li huwa ta l-kunsens tieghu ghaz-zwieg eskluda posittivament elementi essenzjali tal-istess zwieg fosthom li jghix bhala familja mal-attrici u wkoll li jkun fidil lejn l-istess attrici f’dak li jirrigwarda relazzjonijiet intimi.

Illi jekk wiehed ihares lejn il-provi prodotti mill-attrici kif ikkorroborata mill-affidavit ta’ omm l-attrici Josephine Barbara u minn ohta Rita Fenech, jirrizulta li fil-maggiorparti tar-relazzjonijiet taghhom flimkien il-konvenut kien aktar imsiefer fuq xoghol milli ghex mal-familja tieghu, dan jidher li kien deciz li jaghmlu qabel iz-zwieg u fil-fatt wettqu waqt l-istess zwieg ma’ l-attrici. Li hu sinifikanti f’dan l-aspett li l-attrici kemm-il darba, anzi konsistentament kienet tilmenta mal-konvenut dwar dan

in-nuqqas tieghu mid-dar konjugali, izda ma serva ghal xejn, *stante* li l-konvenut baqa’ jaghmel l-istess tragitti barra minn Malta bil-konsegwenza li ftit jew xejn kien ikun prezenti fid-dar matrimonjali. Ovvjament hawn jidher li d-decizjonijiet fl-istess relazzjoni ghal dak li jirrigwarda u konness ma’ l-istess familja kien jehodhom il-konvenut wahdu bla ebda konsiderazzjoni kwalunkwe ghal dak li tahseb jew tghid l-attrici u wkoll b’mankanza ghall-importanza u l-bzonnijiet ta’ l-istess familja, u hawn il-Qorti qed titkellem mhux neccessarjament fil-kuntest finanzjarju imma fil-kuntest emmottiv u spiritwali ta’ din ir-relazzjoni hekk ikkonsidrata taht il-kappa tal-istituzjoni taz-zwieg.

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenut waqt l-istess relazzjoni tieghu ma’ l-attrici kellu diversi nkontri w esperjenzi ta’ natura intima ma diversi persuni tas-sess oppost, xi whud minnhom elenkati fl-affidavit tal-attrici, liema esperjenzi jindikaw b’mod car li l-konvenut qatt ma kellu fl-ebda mument tal-hajja tieghu mal-attrici l-intenzjoni li huwa jkun lejali u fidil lejha, anzi jirrizulta illi tali element ta’ fedelta` gie eskluz minnu posittivament fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens tieghu fiz-zwieg.

Illi hawn hekk il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrali fejn inghad kemm-il darba, illi fatti li jigru wara w anke qabel l-istess zwieg jistghu jittiehdu, u fil-fatt ghanhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi manifestat l-element ta’ kunsens jew in-nuqqas tieghu waqt ic-cerimonja taz-zwieg, u r-raguni ghal dan hija wahda ovvja li normalment u f’hafna kazi n-natura ta’ l-istess kunsens tista’ tohrog cara mill-atteggjament u mill-atti ta’ l-istess persuna, hi min hi, u dan abbazi tal-premessa li l-manifestazzjoni ta’ l-istess kunsens ma ssirx neccessarjament bil-kliem izda b’atti esterjuri li jindikaw b’mod posittiv u konkret l-intenzjoni tal-persuna u dak li hija kkonsentiet ghalih jew le.

Illi abbazi ta’ dan kollu jidher car li mill-provi prodotti l-konvenut qatt ma ta kaz jew fl-ahjar ipotezi rari ta kaz ta’ dan il-kuncett ta’ fedelta` lejn martu jew lejn is-siehba tieghu, u dan wassal sabiex il-konvenut kellu diversi kuntatti mhux ghal kollox leciti ma terzi persuni li l-ammont

u f’certu sens il-gravita` taghhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li tenut kont tal-ammont ta’ zmien li dawn l-atti maghmula mill-konvenut allegatament sehhu, il-konluzjoni unika li din il-Qorti tista’ tasal ghaliha hija biss li l-konvenut posittivament u b’atti esterjuri eskluda dan l-element essenzjali ghall-validita` taz-zwieg bil-kunsens tieghu, u ghalhekk it-talba attrici ghandha certament tintlaqa’ abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi in vista ta’ dan il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol f’ezami tas-subartikoli l-ohra citati mill-attrici peress li dan ikun biss ezami akkademiku, u dan fid-dawl tal-fatt li tali zwieg diga gie dikjarat null b’din id-decizjoni kif fuq premess.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici b’dan illi:**

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Settembru 1974 huwa null u bla effett *ai termini* ta' **l-artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------